1 ta' Diċembru, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Il-Pulizija *versus* Victor Pace**

**"Talkies" — Titolar tal-Liċenza — Impjegat — Art. 25 tal-Kodiċi Kriminali.**

*It-titolar tal-liċenza ta' talkies huwa responsabbli għall-kontravvenzjonijiet kommessi mill-impjegati tiegħu li jkunu mqabbdin biex jikkontrollaw id-dħul ta' persuni għal wirjiet li jkunu projbiti għal dawk il-persuni.*

Fuq l-akkuża kontra l-imputat talli l-Gżira, fl-4 ta' Settembru 1951, bħala liċenzjat tat-teatru "Orpheum", ippermetta li jidħlu persuni ta' taħt il-21 sena għall-wiri tal-film "Jolson Sings Again" fis-7 p.m. u fid-9 p.m., li huwa ċensurat għalli ma jidħlux persuni taħt il-21 sena, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tat-18 ta' Ottubru 1951, ġie misjub ħati u kundannat £2 ammenda;

L-imputat appella;

Il-Qorti semgħet mill-ġdid il-provi, rat l-attijiet tal-kawża, u semgħet sew l-avukat ta' l-appellant kemm l-Avukat tal-Kuruna;

Irriżulta li, kif fix-xhieda tiegħu stqarr Edgar Baldacchino, li deher għall-appellant, il-film "Jolson Sings Again", li kienet rappreżentata fit-teatru "Orpheum" fl-14 ta' Settembru 1951, kienet mgħoddija miċ-ċensuri għan-nies ta' mhux anqas minn 21 sena. Irriżulta illi d-direzzjoni tat-teatru ħadet miżuri biex tassigura l-viġilanza ħalli ma jidħlux nies taħt l-età. B'dana kollu, fir-rappreżentazzjoni tad-9 p.m. ġie mdaħħal ġuvnott ta' anqas minn 16-il sena, jismu Salvu Criminale. Li dana kien jidher li ma kellux 21 sena jirriżulta mill-fatt li l-impjegat tat-teatru, Nazzarenu Man-

gion, induna; u l-impjegat l-iehor Hili, skond Mangion, beda biex keċċieh. Iżda Criminale stess xehed li biex daħal xtara hu stess il-biljett, mhux waqt il-folla, iżda meta r-rappreżentazzjoni kienet diġà sejra tibda, għax kienet ingħalqet il-purtiera, u qabel l-impjegat tal-bieb kien qalu biex jistenna. Dan juri li dak il-ġuvnott ma daħalx bil-moħbi, iżda ġie mdaħħal minn wieħed mill-impjegati;

F'dik l-istess rappreżentazzjoni tad-9 p.m. daħal ukoll ġuvnott ieħor ta' 17-il sena, bil-biljett li xtara hu stess, mingħajr ma ħadd staqsieh jekk kellux l-età, u bla ħabi xejn;

Il-Qorti tirrealizza li jista' faċilment jagħti l-każ li tfal u ġuvnotti taħt l-età jidħlu fit-teatru bil-moħbi tan-nies tal-kontroll, u li mhux dejjem faċli li wieħed jinduna jekk ġuvnott ikunx għalaq il-21 sena; u għalhekk jista' jkun illi r-regolamenti jiġu materjalment miksura, iżda mhux volontarjament. Iżda fil-każ preżenti, almenu kwantu għal Criminale, ir-regolament ġie miksur bi ħtija ta' impjegat tad-direzzjoni tat-teatru, għax dana seta' u kellu raġun iżommu, u ma żammux. Anzi l-fatt li dak l-impjegat qallu jistenna, u daħħlu wara li ġibed il-purtiera, juri mala fede ta' wieħed li ried li l-ksur tar-regolament ma jagħtix fil-għajn u jgħaddi inosservat. Skond l-art. 25 tal-Kodiċi Kriminali, tal-kontravvenzjoni ta' l-impjegat huwa punibili wkoll it-titolari tal-liċenza tat-teatru; u għalhekk l-appellant għandu jirrispondi wkoll għall-kontravvenzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.